MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD,
L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Dipartiment tal-Affarijiet Rurali

Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti
110, Triq Annibale Preca, Lija LJA 1915 - Malta

# Notifika dwar l-ewwel sejbiet ta' virus tat-tadam u l-bżar

Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti permezz ta' din il-kommunikazzjoni jinforma lil operaturi professjonali u lil bdiewwa dwar l-ewwel sejbiet tal-virus *Tomato Brown Rugose Fruit Virus* (ToBRFV) min-numru ta' pjanti li inġabru mis-suq. Fl-aħħar ġranet wara li inġabru numru ta' kampjuni ta' xitel tat-tadam mis-suq lokali irriżultaw numru ta' sejbiet tal-preżenza tat-ToBRFV.

Is-sejbiet instabu bħala parti mill-programm ta' monitoraġġ kontinwu li jagħmel id-Direttorat matul is-sena kollha fit-territorju Malti u Għawdxi, fl-għelieqi, fis-suq kemm fuq materjal li jkun dieħel minn barra l-pajjiż u dak li jkun qed jitkabbar lokalment. Il-Monitoraġġ jikkonsisti f'ispezzjonijiet viżivi u ġbir ta' kampjuni.

Dan il-virus primarjament dan jattakka l-pjanti tat-tadam u l-bżar, u jagħmel dannu fuq il-pjanti u fuq il-frott tagħhom. Il-virus kapaċi jkun preżenti anke fiż-żrieragħ tat-tadam u bżar. Il-virus jimxi faċilment billi jkun hemm trasmiżjoni mekkanika, dan ifisser li jista' jimxi ma' l-għodda, ilbies, żraben, makkinarju, konteniturі, insetti fost l-oħrajn billi jmorru minn pjanta għall-oħra u kapaċi li jibqa' ħaj fuq uċuħ ta' materjal differenti għal ċerta żmien. Dan ifissier li miżuri ta' iġene stretti għandhom jiġu segwiti.

Wara numru ta' sejbiet minn pajjiżi fl-Unjoni Ewropea fiż-żrieragħ li kienu deħlin minn pajjiżi terzi, l-istati membri u Kummissjoni ta' l-UE fl-2019 ħadu azzjoi immdejata flimkien u daħlu fis-seħħ miżuri ta' emerġenza li jipprvenu d-dħul u t-tixrid ġewwa l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (EU) 2019/1615. Wara li matul is-sena 2020 komplew jiżdiedu s-sejbiet u tjiebet ukoll l-informazzjoni xejtifika fuq il-virus, reġgħu saħħu l-miżuri billi inħareġ ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1191 u kif ġie emendat fl-2021. L-Att Dwar il-Kwarantina tal-Pjanti, 2001, ir-Regolament dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti (UE) 2016/2031 u r-Regolament dwar il-kontrolli uffiċjali (UE) 2017/625 joffru ukoll l-qafas neċessarju legali.

Id-Direttorat qed jaħdem qatigħ biex jiġbor l-informazzjoni kollha, janalizza s-sitwazzjoni u jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex dan il-virus jiġi eradikat mit-territorju. L-operaturi professjonali, is-settur u l-publiku ġenerali huma mitlub li jsegwi l-miżuri u l-aġġornamenti li uffiċjali li jkunu qed jinħarġu regoralment.

Dennis Sciberras
Direttur (Għal-Ħarsien tal-Pjanti)

Informazzjoni teknika fuq il-virus:
Mis-sit uffiċjali ta' l-EPPO: https://gd.eppo.int/taxon/TOBRFV/datasheet
Ritratti tas-sintomi jistgħu jinstabu fil-paġna tal-EPPO: https://gd.eppo.int/taxon/TOBRFV/photos
Referenza leġislattiva:
https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A02020R1191-20210130